**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 178/2016 CFF**

**VINCENT MICALLEF**
**MARTINA MICALLEF**

**VS**

**JETHRO BUGEJA**

**Illum 13 ta' Jannar, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tal-atturi** fejn talbu sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lura lill-mittenti s-somma ta' u b'ordni tal-Qorti tas-27 ta' Settembru, 2016, giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens illi l-ammont ghandu jinqara hamest elef u sitt mitt ewro (€5,600) - rapprezentanti bilanc dovut minnu fuq is-somma ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro (€6988) mislufa lilu mill-istess mittenti bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali mahruga fil-konfront tieghu mill-istess mittenti taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra kontra l-istess intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat **ir-risposta** ta' Jethro Bugeja fejn espona:

Illi fl-ewwel lok l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 sub-artikolu (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont preciz ma huwiex dovut peress illi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

**Dr. Yvette Borg** bhala rapprezentant tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali tghid li mir-ricerki li ghamlet, ma saret ebda ittra ufficjali fl-ismijiet Micallef vs Bugeja, izda meta ghamlet ricerka ghall-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet ittra datata 16 ta' Gunju, 2016 fl-ismijiet Micallef vs Bugeja.

**Vincent Micallef** jikkonferma li l-ittra ufficjali datata 16 ta' Gunju, 2016 saret bejnu u bejn il-mara u Jethro Bugeja rigward self ta' flus. Fl-ittra ufficjali kien hemm anke indikat li t-tifla ta' Micallef hallset sehmha fit-2009 meta kienet ilha xi tliet xhur mizzewga ma' Jethro Bugeja.

**Vincent Micallef** rega' xehed fl-14 ta' Marzu, 2017 fejn qal li huwa qatt ma kellu *cheque book*. Huwa jikkonferma li c-cekk li hemma fol 38 tal-process datata 12 t'Ottubru, 2009 hargitu t-tifla tieghu mill-kont personali taghha u inoltre jikkonferma li t-tifla harget ic-cekk b'ammont ta' flus miktub, izda ma kitbitx f'isem min kellu jkun ic-cekk. Rigward l-iskritturi datata 20 ta' Mejju, 2006 u 23 ta' Mejju, 2006, is-sur Micallef jghid li ma jidhirlux li Jethro kien iffirma fil-prezenza tieghu. Jghid li t-tifla tieghu hallset l-ammont ta' sitt elef u erba' mitt ewro (€6400) fl-2009 u kompliet thallas lill-missierha f'ammonti zghar id-dejn li kien fadlilha mieghu.

**Josette Bugeja Micallef** tghid li l-atturi Vincent u Martina Micallef huma ommha u missierha ffirmaw karta maghha u dak iz-zmien l-gharus taghha Jethro Bugeja minhabba li l-genituri taghha selfuhom sitt elef Lira Maltija (Lm6000). Tikkonferma li huma ffirmaw zewg dokumenti ghax kopja kienet tinzamm mill-genituri taghha u kopja ohra kienet tinzamm minnha u minn Jethro. Maz-zmien, Vincent Micallef xtaq jixtri karozza u b'hekk Josette harget cekk ta' disat elef, mija u hamsa u hamsin ewro (€9,155) sabiex b'hekk tkun hallset sehmha mill-flus li kienu silfuha l-genituri taghha. Jethro kien ghad fadallu jibda jaghti sehmu. Sa fejn taf hi, Jethro qatt ma hallas xejn lill-genituri taghha.

Regghet xehdet fl-20 ta' Marzu, 2018 **Josette Bugeja Micallef** fejn esebiet id-dokumenti originali li kienu ffirmaw hi u Jethro mal-genituri taghha. Hija tghid li avolja hemm zewg dokumenti originali, il-font taghhom huwa differenti u dan forsi ghax wiehed mid-dokumenti gie ffirmat mill-erba' partijiet f'daqqa, mentri l-kopja l-ohra kapaci giet iffirmata mill-partijiet f'data differenti.

Rat illi l-Qorti tat sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, meta qed jecepixxi l-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-4 ta' Gunju, 2019. Il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

**Vincent Micallef**, fl-affidavit tieghu jghid illi s-somma totali mislufa kienet ta' sitt elef Lira (Lm6000) ekwivalenti ghal tlettax-il elf disa' mija sitta u sebghin Ewro (€13,976) li hu u martu silfu direttament lil Jethro Bugeja u lit-tifla taghhom Josette sabiex dawn tal-ahhar ikunu jistghu jixtru proprjeta' gewwa San Gwann. Dak iz-zmien, Jethro Bugeja u t-tifla taghhom ma kienux mizzewgin. Jispjega li t-tifla kellha taghti lura nofs is-somma ta' tlettax-il elf disa' mija sitta u sebghin Ewro (€13,976) u cioe' l-ammont ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin Ewro (€6988), izda fil-verita', il-pagamenti li rcevew Vincent Micallef u martu, kienu dejjem imhallsa minn flus it-tifla u l-ammont totali li haslithom kien ta' tmint elef u erba' mitt Ewro (€8400) u cioe' iktar minn dak dovut minnha. Jikkonferma ghalhekk li l-bilanc ta' hames elef hames mija sitta u sebghin Ewro (€5576) ghandu jithallas minn Jethro Bugeja stante li qatt ma rcieva pagamenti minghandu. Jispjega illi Jethro Bugeja kien qal lil Vincent Micallef li kien se jtih dawn il-flus, la darba l-proprjeta' tinbiegh, izda anke meta nbieghet il-proprjeta', Jethro Bugeja qatt ma radd lura l-flus dovuti minnu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' Vincent Micallef u ta' Jethro Bugeja;

**Ikkunsidrat:**
Illi l-atturi fis-sena 2006 kienu selfu somma ta' flus ta' sitt elef lira Maltin (Lm6000) lil binthom Josette Bugeja u lil Jethro Bugeja fejn kull wiehed minnhom kellu jhallas is-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3000) kull wiehed. Illi skont id-dokumenti ezebiti a fol 34 u 25 tal-process l-atturi kienu dahlu fi ftehim bil-miktub permezz ta' skrittura privata fis-sena 2006. Il-partijiet kollha kienu iffirmaw zewg skritturi bi kliem l-istess fejn kull parti kellha zzomm kopja taghha. Illi matul iz-zmien hareg li l-attur

Vincent Micallef xtaq jixtri vettura u Josette Micallef kienet harget cheque lil missiera ta' disat elef, mija u hamsin Euro (€9155) fejn minn din is-somma kienet halset l-ammont dovut li hija kellha taghti lil genituri taghha. Dan ic-cheque kien inhareg fis-sena 2009 fejn skont ix-xhieda tal-istess Vincent Micallef (a fol 26) qal li Josette Micallef kienet harget is-somma ta' sitt elef u erbat mitt Euro (€6400) filwaqt li huwa kien hareg l-ammont ta' elfejn, seba mija u hamsa u hamsin Euro (€2755) biex zidhom mal-ammont globali halli jithallas l-agent tal-karozza li huwa kien xtara minn ghandu.

Illi jirrizulta li Vincent Micallef kien zamm nota ta' kemm il-darba Josette Micallef kienet thallas lura flus u dan skont ma' hemm fid-dokument VM 5. Illi skont dan id-dokument Josette Micallef kienet bdiet thallas ammonti ohrajn ta' flus fis-sena 2013 fiz-zmien li hija kienet ghada mizzewga mal-konvenut. Illi jidher minn dan id-dokument li l-ammont li kien thallas kien jammonta ghal madwar elfejn Euro (€2000). Illi ghalhekk skont dan l-istess dokumenti, l-konvenut kellu jaghti s-somma ta' hamest elef, hames mija u hamsa u sebghin Euro (€5575).

**Ikkunsidrat:**
**Fatti**

Minn dak li jidher fid-dokument VM 5 li huwa l-qofol ta' kollox ta' kemm ghad hemm pendenti jew le bhala hlas dovut lill-atturi. Illi jidher li fis-sena 2009, l-konvenut kien mizzewweg lil Josette Micallef tant li ftit tax-xhur wara l-istess attur Vincent Micallef kien iddecieda li jixtri l-vettura fejn kien inghata s-somma ta' sitt elef u erbat mitt Euro minn ghand bintu (€6,400). Illi dan l-ammont kien dak li huwa dovut mis-sehem li hija kellha taghti lil missiera u ghalhekk gie mhallas in parti. Illi pero jinghad ukoll li mix-xhieda tal-istess Vincent Micallef huwa kien hareg is-somma ta' elfejn, seba mija u hamsa u hamsin Euro (€2755) mill-flus tieghu sabiex ikun jista' jinhareg cheque wiehed ghas-somma ta' disat elef, mija u hamsa u hamsin Euro (€9155).

Illi minn dan l-ammont skont ma qal Vincent Micallef, li mis-somma ta' sitt Elef Lira Maltin li kienu selfu l-istess atturi thallas mic-cheque indikat a fol 38 is-somma ta' sitt elef u erba mitt Euro (€6400). Illi ghalhekk mis-somma globali mislufa li kien jammonta ghal tlettax-il elf disa' mija sitta u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€13,976.23) kien thallas l-ammont ta' sitt elef u erba' mitt Ewro (€6400) kif indikat. Illi ghalhekk il-bilanc li kien baqa' biex jithallas kien ta' sebat elef hames mija hamsa u sebghin Ewro (€7575). Illi jidher ukoll li fis-sena 2013 minn dan l-ammont thalset is-somma ta' elfejn Euro biss minnhom minn flus Josette Micallef fiz-zmien li hija kienet mizzewga ma Jethro Bugeja. Illi ghalhekk minn dak li hemm fl-ittra ufficjali li tinstab a fol 40 tal-process gie indikat li Josette Micallef kienet halset is-sehem taghha kollu u minn dawk il-hlasijiet li bdew isiru fis-sena 2013 beda jithallas minn dak li kellu jinghata mill-istess konvenut. Illi ghalhekk mill-provi prodotti kien jidher li baqa' bilanc ta' hamest elef hames mija hamsa u sebghin Ewro (€5575) li skont l-atturi huma dovuti mill-konvenut.

**Ikkunsidrat:**
Illi dak li hemm fl-istess skrittura li tinsab a fol 34 u 35 jidher li l-hlas lura ta' dan is-self ma gietx stipulata data meta ghandu jithallas. Illi mill-provi jirrizulta li mis-sena 2006 sas-sena 2009 ma kienx hemm hlas hlief hrug ta' cheque li mis-somma dovuta thallas l-ammont ta' 6400 minn Jossette Micallef mart l-istess konvenut. Ghalhekk minhabba li ma kienx hemm data meta ghandu jsir il-hlas, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 1130 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jghid espressament li:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti jew jagħmel, u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien, bla ħsara, għal dawk li huma mgħaxijiet imsemmijin fl-artikolu 1141, tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

*(2) Jekk fil-ftehim ma jkun ġie stabbilit ebda żmien, jew jekk iż-żmien ikun jagħlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tiegħu ma jiġix imqiegħed in mora ħlief wara li jiġi msejjaħ b' att ġudizzjarju.*

Illi ghalhekk wara li l-istess atturi baghtu ittra ufficjali lill-istess konvenut Jethro Bugeja dan tpogga in mora u ghalhekk kellhom kull dritt jitolbu ghal hlas tal-ammont dovut lilhom. Illi ghalhekk anki dak li hemm fl-istess ftehim bejn il-partijiet giet sanata wkoll bil-hrug ta' att gudizzjarju li jinsab a fol 40 (dok VM 4).

Illi in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-konvenut li l-ammont ma kienx dovut ma tresqet l-ebda prova sabiex juri dak li qieghed jigi sollevat. Illi madankollu, f'dan l-istadju il-Qorti tirrileva li mill-provi migbura quddiemha, jirrizultaw biss ix-xhieda tal-istess Vincent Micallef u Josette Micallef dwar dak li huwa dovut bhala ammont u kemm thallas mis-somma dovuta. F'kazijiet bhal dawn, il-Qorti trid tezamina l-fattispece partikolari tal-kaz biex b'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Il-piz tal-prova fil-mertu huwa fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** deciza nhar it-28 t'April 2003 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn gie ritenut li:

> "*Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu lebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika. Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*".

Il-Qorti allura trid tara jekk l-atturi issodisfawx dak l-oneru li jipprova l-pretensjoni taghhom jew inkella fejn il-Qorti tiehu decizjoni li l-fatti ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Waqt li fejn jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, dak li l-gudikant irid jara mhux jekk assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi tal-kaz li ghandha quddiema. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (ara l-kawza fl-ismijiet **Caruana vs Laurenti** deciza nhar it-8 ta' April 1994 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-kawza fl-ismijiet **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** deciza nhar is-17 ta' Lulju 1981 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Petrococchino** deciza nhar il–25 ta' Frar 1952 mill-Qorti tal-Appell Kummercjali). In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-25 t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

> *"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik iccertezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli".*

Illi fuq l-insenjament ta' dak li ntqal f'dawn is-sentenzi u mill-provi prodotti jidher li l-konvenut kien fil-fatt issellef dawn il-flus u dan ma giex innegat b'ebda mod. Illi l-istess skrittura li saret bejn il-partijiet ma gietx kontestata li b'xi mod kienet giet iffalsifikata. Illi ghalhekk sa dak il-punt l-ammont gie pruvat li kien mghoti b'self lil Jethro Bugeja. Illi hareg ukoll li fiz-zmien taz-zwieg bejn il-partijiet, Josette Micallef kienet ukoll halset ferm aktar minn nofs li kien dovut. Illi fil-fatt f'dak li hemm mid-dokumenti esebiti kienu thallsu s-somma ta' elfejn Euro li kien baqa' bilanc minn dak mitlub f'dawn il-proceduri mill-atturi. Illi meta l-istess Josette Micallef bdiet thallas xi flus dovuti fiz-zwieg, l-istess konvenut ma ressaq l-ebda prova li dan l-ammont li kien qieghed jithallas ma kienx jaf bih jew inkella li huwa ghamel xi proceduri gudizzjarji sabiex iwaqqaf tali hlas minn naha ta' martu lil missiera. Illi fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma tistax timxi bil-hsieb li dan il-hlas kien sar minghajr il-kunsens tieghu.

Fid-dawl tal-gurisprudenza citata kif ukoll mix-xhieda u l-evidenza migjuba quddiem din il-Qorti, din l-istess Qorti tara li l-istess atturi rnexxielhom jipprovaw li l-ammont mitlub minnhom u cioe' s-somma ta' hamest elef u sitt mitt Euro mill-istess konvenut Jethro Bugeja.

**Decide:**
Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba ta' l-atturi b'dan illi qed tikkundanna lil konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hamest elef u sitt mitt Euro (€5,600) bl-imghax kalkolabbli mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Gunju 2016 (Dok. VM 4) a karigu tal-konvenut.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**